Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 270 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Christabelle Chetcuti

Vs

Paul Gladwish

Illum 12 ta' Dicembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Paul Gladwish detenur tal-karta tal-identita Maltija 191745 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Jannar 2018 u Frar 2018 f' 'My Nest', 35, Triq ix-Xehda, M' Scala, minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita d-dritt li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu lil xi had jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun

li tkun jew fixkel lil Stephanie Borg fil-pussess ta' hwejjigha b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal €1,000 multa;

Ordnatlu inehhi l-inkonvenjent fi zmien tmint ijiem mill-lumm u fin-nuqqas tawtorizza lill-Pulizija tnehhieh a spejjez tieghu (Art. 377 (5)) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha nhar it-23 ta' Ottubru, 2018 fejn din il-Qorti cahdet it-talba tal-appellant sabiex tissospendi dawn il-proceduri sakemm ikun hemm ezitu finali dwar il-proceduri civili intavolati mill-appellant li huma konnessi mal-proceduri odjerni.

Rat dak verbalizzat minn Dr. Emy Bezzina ghall-appellant fejn irrefera ghad-decisjoni preliminari moghtija minn din il-Qorti nhar it-23 ta' Lulju, 2018 u fic-cirkostanzi minhabba li l-appellant qed ihoss illi d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu qeghdin jigu pregudikati bl-ikbar rispett u umilta lejn din il-Qorti qieghda tintalab l-awtorizazzjoni biex issir referenza ghal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) a bazi tal-artikoli 6 u 37 u 38 tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Rat illi l-Avukat Generali inghata zmien sabiex iwiegeb ghal dan il-verbal izda baqa' inadempjenti.

Illi din il-Qorti rat li l-appellant qed isostni li mhux ser jinghata smiegh xieraq ghaliex din il-Qorti cahdet it-talba tieghu li tissospendi l-proceduri odjerni sakemm ikun hemm ezitu finali tal-proceduri civili prezentati minnu. Illi din il-Qorti izomm fern dak deciz minnha

fis-sentenza preliminari taghha u appuntu li l-proeduri civili u dawk kriminali huma proceduri separati u distinti minn xulxin .

Il-Ligi taghna taghmel distinzjoni netta bejn iz-zewg tipi ta' azzjoni li jitnisslu mill-istess reat izda jimxu indipendentament minn xulxin, bi kriterji differenti li japplikaw ghall-piz probatorju. Fil-kamp kriminali l-prova trid tkun oltre kull dubbju ragjonevoli filwaqt li fil-kamp civili huwa bizzejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruz tal-bilanc ta' probabilita'.

Ghaldaqstant hija wisq possibbli li akkuzat li jinheles mill-akkuzi migjuba kontrih fil-forum kriminali minhabba li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-kaz sal-grad rikjest xorta jinstab li hu responsabbli ghad-danni fil-forum civili.

Din id-distinzjoni ssib espressjoni elokwenti u semplici fl-**artikolu 3 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta:

"3. (1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.

(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta′ ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.

(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta′ ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat"

Minn dan l-artiklu jitinissel ukoll l-iskop ewlieni taz-zewg toroq procedurali, s-sejba ta' htija tal-akkuzat u l-hlas tal-hsara kkagunata bir-reat rispettivament

Din il-Qorti ticcita minn sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **<u>Francis Xavier sive Frank Mifsud vs Avukat Generali</u>** [1]. Dik il-kawza kienet tikkoncerna kwerela ghall-allegat malafama kommessa fejn ir-rikorrent, allura kwerelant/parte civile, fil-process kriminali, ssottometta li irrispettivament minn jekk il-proceduri minnu tentati

[1] Dec. fit-6 2 ta' Novembru 2011 Rik. Kost. 66/14

kienux civili jew kriminali, hu kellu "*d-dritt ghal smiegh xieraq una volta illi jkun accettat li kien igawdi dritt civili ghal reputazzjoni tajba*." F' dik il-kawza wkoll il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija ezekuttiva u mhux mill-kwerelant jew parti leza, tant li s-sentenza nghatat fil-konfront tal-Pulizija u l-akkuzat.

Il-Qorti ser tirraporta dak iccitat mill-Qorti Kostituzzjonali li fil-fehma konsiderata taghha huwa ta' rilevanza ghall-punt legali in ezami:

Gie ritenut illi *"A criminal prosecution brought by an applicant will involve the determination of his civil rights and obligations where such an obligation is the remedy provided in national law for the enforcement of a civil right, as for example, in the case in some legal systems in connection with the right for a reputation. Art. 6 also applies on the basis that civil rights and obligations are being determined when the victim of a crime joins a criminal prosecution as a civil party claiming compensation or injury caused by the crime.* (**Helmers vs Sweden**[2], **Tomasi vs France**[3] u **Moreira de Azevedo vs Portugal** [4]."

Din il-Qorti tiddikjara li hija ghandha biss tiddetermina jekk l-akkuza hiex ppruvata kontra l-akkuzat. Tipprovdi li l-ghan tal-process kriminali huwa li jikkastiga lill-akkuzat jekk jirrizulta skont il-Ligi li huwa hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u mhux li tiddetermina d-drittijiet civili li jista' jkollu l-persuna offiza. Dan hu reat ta′ raggion fattasi u ghalhekk din il-Qorti m′ hiex ser tiddecidi fuq kwistjoni ta′ titolu izda sempliciment dwar jekk l-akkuzat bl-agir tieghu ipprivax lill-parte civile mill-pusses legittimu tieghu.

Sabiex l-artiklu 6 jigi applikat, irid ikun hemm kontestazzjoni bejn zewg partijiet privati izda dan gie ezaminat ukoll fil-kuntest partikolari tal-process kriminali.

Bhala principju generali l-Qorti Ewropea kellha l-okkazzjoni li tidhol fid-definizzjoni ta' "*drittijiet u obbligazzjonijiet* civili " sabiex tiddetermina l-ammissibilita' ta' kwistjoni taht l-artiklu 6 (1) :

---

[2] A212 1991
[3] A241 1992
[4] A189 1990

*"Although the Court has stated in some cases that the concept of civil rights and obligations is autonomous and cannot be interpreted solely by reference to the domestic law of the respondent state,3 it has also stated that for Article 6 to apply there must be a right in national law which is capable of being classified by the European Court as civil*[5]*. ."*

Huwa principju ammess li dak li hu rilevanti m' huwiex il-karattru tal-ligi li minnha jitnissel id-dritt, imma l-karattru sostantiv tad-dritt fih innifsu[6].

Il-ligi domestika taghna hija differenti minn dik ta' pajjizi ohra fl-Ewropa u ghalhekk referenza ghal sentenzi Ewropej fuq l-materja ghandhom jigi ezaminati minn ottika profonda. Per ezempju il-pozizzjoni tal-Ligi Franciza giet imfissra mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Perez**[7]:-

"1.'*Civil proceedings must await the outcome of criminal proceedings"'(Article 4 § 2 of the Code of Criminal Procedure). The civil court must suspend judgment until the criminal court has issued a final ruling in the prosecution.*

*2. 'A final criminal judgment prevails over a civil claim." A civil court is bound by the final decision in a prosecution. The primacy of a decision in a criminal case is not prescribed by law in the strict sense but derives from case-law;"*

Din pero m' hiex il-posizzjoni tal-ligi domestika hawn Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzat jista' jintavola proceduri civili separati indipendentement mill-ezitu tal-proceduri kriminali u *se mai* dan jaffettwa id-dritt tieghu ghal rimedju effettiv izda mhux id-dritt ghal smiegh xieraq kif lamentat minnu.

Din il-Qorti tinnota illi l-verbal dettat  mill-appellant huwa kemmxejn semplicistiku, fis-sens illi l-appellant ma dahalx fis-sistema guridiku tal-pajjiz nostran  sabiex jistharreg x'

---

[5] *Z and others v. the United Kingdom*, 10 May 2001, and *Roche v. the United Kingdom*,19 October 2005 . Guide to the Implementation of Article 6 of the European Convention on Human Rights - Echr Handbook No.3 p.11
[6] *Ringeisen v AUstria* Op.cit
[7] Perez vs France ECHR 47287/99, 12/02/2004, para 5

rabta jista' jkun hemm bejn il-procedimenti penali u dawk civili fis-sistema gudizzjarja in kwistjoni.

Jirrizulta pacifiku illi abbazi tal-Artikolu 3 tal-Kap 9 tal-Ligijiet taghna, l-azzjoni kriminali u dik civili huma separati u distinti u wahda la timpingi fuq l-ezitu tal-ohra u wisq inqas tistenna l-ezawriment tal-ohra sabiex tigi deciza u ghalhekk in vista tar-raggunament milqugh minn din il-Qorti, din il-Qorti qed **tichad it-talba tal-appellant** b' dan illi jekk irid l-appellant jista jintavola rikors ad hoc quddiem dik il-Qorti Prim Awla tal- Qorti cvili, jekk ihoss li huwa l-kaz fejn inter alia jitlob lil dik il-Qorti sabiex taghti interim order u tordna is-sospensjoni ta' dawn il-proceduri sakemm ikun hemm esitu finali minn naha taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur